MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 193/2015

**Salvatore Xuereb (K.I.0455036M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Salvatore Xuereb (K.I. 0455036M) datat 2 ta' Marzu 2015 fejn espona: -

Illi r-rikorrent twieled fis-27 ta' Gunju 1936 gewwa Malta kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid [Dok. SX].

Illi minkejja illi fl-istess certifikat tat-twelid jirrizulta illi huwa iben Vincenzo u Teresa kunjomhom 'Scuereb' u li konsegwentement huwa stess jidher illi huwa kunjomu 'Scuereb', in effetti il-genituri tieghu kien kunjomhom 'Xuereb' u konsegwentement anki l-esponent kellu eventwlament iggib il-kunjom 'Xuereb'.

Illi l-kunjom 'Xuereb' [u mhux 'Scuereb'] huwa l-kunjom illi l-esponent u l-genituri u l-familjarji l-ohra kollha tieghu dejjem uzaw tul hajjithom kollha u huwa wkoll l-isem jew kunjom illi huwa u huma dejjem kienu konsistement maghrufa bih u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni orali ta' din il-kawza [Ara karta tal-identita` tar-rikorrent annessa Dok. SX1].

Illi ghalhekk l-esponent jixtieq illi jsiru l-korezzjonijiet relattiv fl-att tat-twelid tieghu u f' kull dokument ufficjali iehor fejn dan ikun mehtieg sabiex kunjomu jibda jidher bhala 'Xuereb' u mhux 'Scuereb'.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1 Tiddikjara illi l-kunjom 'Xuereb' [u mhux 'Scuereb'] huwa l-kunjom illi l-esponent u l-genituri u l-familjarji l-ohra kollha tieghu dejjem uzaw tul

hajjithom kollha u huwa wkoll l-isem jew kunjom illi huwa u huma dejjem kienu konsistement maghrufa bih;

2. Konsegwentement tordna lill-intimat sabiex jaghmel il-korrezzjonjiet relattivi fl-att ta' twelid tar-rikorrent numru 4550/1936 u f' kull dokument ufficjali iehor tieghu fejn dan ikun mehtieg;

U dan taht il-provvedimenti kollha opportuni.

Bl-ispejjez.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Mejju 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 5 ta' Settembru 2014 (fol 15) fejn Dr. Mariella Silvio ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha tiddikjara u tikkonferma: -

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fiz-zmien li gie registrat l-att tat-twelid tar-rikorrenti u ossia fis-sena 1935, ma kienx hemm ezistenti

sistema kompjuterizzata ta' gabra u kkonservar ta' nformazzjoni u dokumenti. Ghaldaqstant l-ufficjali tar-Registru Pubbliku kienu jistriehu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jaghmel in-notifika tat-twelid in kwistjoni;

3. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 9 ta' Lulju 2015 mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr Roberto Montalto u Dr Maurizio Cordina ghall-konvenut. Xehed bil-gurament tieghu l-attur Salvatore Xuereb, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Montalto ddikjara li m'ghandux aktar provi. Dr Cordina ddikjara li m'ghandux aktar provi. Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta’ Lulju 2015 fl-10:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. **KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi din it-talba qed issir *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi (fol.10) u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

Illi jirrisulta li l-genituri tar-rikorrent gew imnizzla fuq l-att tat-twelid tieghu **(DOK SX)** bil-kunjom "*Scuereb*" u konsegwentement jidher li dan hu kunjomu. Ir-rikorrent , izda, jghid li hu, u anke l-familjari tieghu huma konsistentement maghrufa bil-kunjom 'Xuereb'. Dan gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrent.[1]

Ikkonsidrat li mhuwiex ikkontestat dak li r-rikorrent iddikjara fir-rikors promoter u cioe li anke l-genituri tieghu dejjem uzaw il-kunjom 'Xuereb' kif ukoll li kunjom l-attur hu imnizzel f'atti ufficjali ohra rilaxxjati mill-intimat Direttur u cioe, fl-atti tat-Twelid ta' uliedu u taz-zwieg tieghu bhala 'Xuereb'.

Illi  l-istess intimat iddikjara fir-risposta tieghu li fiz-zmien meta gie registrat l-att tat-twelid tar-rikorrent (1936) ma kienx hemm sistema kompjuterizzata ta' gabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti u l-ufficjali tar-Registru Pubbliku kienu joqghodu fuq dak mistqarr mid-dikjarant.

[1] Seduta tad-9 ta' Lulju 2015.

Illi fil-kaz odjern jirrisulta li t-tezi tal-attur li l-kunjom ta' missieru inkiteb bl-'Sc' bi zball hija verosimili tenut kont iz-zmien meta saret din l-iskrizzjoni u l-kitba tal-lingwa Maltija f'dak iz-zmien.

Ghaldaqstant ser tghaddi biex tilqa' t-talba stante ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Riferibbilment ghall-kap tal-ispejjez, izda, ser tilqa' l-eccezzjoni tal-intimat in kwantu r-rikorrent ma irnexxielux jipprova li l-izball kien dovut ghal xi ghemil tal-istess Intimat.

Inoltre din il-Qorti ghandha tillimita t-talba ghall-att in mertu billi l-procedura odjerna ma tikkontemplax tibdiliet f'atti ufficjali ohra.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati safejn huma inkompatibbli ma din is-sentenza, **tilqa' t-talbiet fis-sens li gej:**

1 **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara illi l-kunjom 'Xuereb' [u mhux 'Scuereb'] huwa l-kunjom illi l-esponent u l-genituri u l-familjarji l-ohra kollha tieghu dejjem uzaw tul hajjithom kollha u huwa wkoll l-isem jew kunjom illi huwa u huma dejjem kienu konsistement maghrufa bih;

2. **Tilqa’ t-tieni talba** u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex jaghmel il-korrezzjonjiet relattivi limitatament fl-att ta' twelid tar-rikorrent numru 4550/1936;

Tordna wkoll illi kopja tal-eventwali decizjoni ta' din I-Onorabbli Qorti tigi notifikata *ai termini* tal-Artiklu 256 tal-Kodici Civili sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------